# L-GĦANJA TA' L-IMNIKKET

O Madonna tad-Duluri,
Mhux il-ward
Jien fittixt ħa nsebbaħ darek
U nfewwaħlek lil altarek,
Imma x-xewk minn qalb ix-xagħri,
U l-għolliq marrad, musfari,
O Madonna tad-Duluri,
Dana biss.

O Madonna tad-Duluri,
L-oħrajn ġew
U bid-deheb għammru lil darek,
U bil-Ħaġar sawwru altarek—
Jiena biss kont il-barrani
Mingħajr ward u deheb il-għani,
Jiena biss!

O Madonna tad-Duluri,
Ma stmerrejtx
Int l-imnikket ġewwa darek,
'Ma tbissimt minn fuq altarek,
Kollok ħlewwa, kollok ħniena
Serraħt int lil qalb għajjiena,
Inti biss!

Rużar Briffa

28/1/'43